MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-2 ta' Lulju, 2003

Numru 557/2003

Il-Pulizija
(Spettur Stephen J Gatt)
vs
Salah Aldin M M Bin Abdo Alslam u
Bashir Abdulgadir S Mohamed A

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati fuq imsemmija li permezz taghhom huma gew akkuzati talli fil-Gzira fil-lejl ta’ bejn it-30 ta’ Gunju 2003 u l-1 ta’ Lulju 2003 :
a) Ikkommettew serq ta’ mobile phone tal-marka Nokia kif ukoll zewg passaporti Libjani mahruga f’isem Rodwan Muftah Ali u Sadek Muftah Ali u dan ghad-detriment ta’ Rodwan u Sadek Muftah Ali, liema serq huwa ikkwalifikat bil-hin, lok u bil-persuna;
b) Talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi, ikkagunaw feriti ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Rodwan Muftah Ali hekk

kif iccertifika Dr Lawrence Galea M.D. tal-isptar, San Luqa;
c) Talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi garrew strument bil-ponti u li jaqta’ minghajr ma kellhom licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija;
d) Talli fl-istess lok, jum, him u cirkostanzi hebbew kontra il-persuna ta’ Rodwan Muftah Ali sabiex jingurjawh idejquh jew jaghmlulu hsara;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u semghet lill-imputati iwiegbu illi m’ghandhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi deciz bi procedura sommarja;

Fuq ammissjoni taz-zewg imputati ghall-akkuzi kollha issibhom hatja ta’ l-istess akkuzi, u dan wara illi l-Qorti rat l-Artikoli 261(d), 261(e), 261(f), 221(1), 17 u 339(1)(d), 268, 269, 270 u 281 tal-Kap. 9 u l-Artikolu 13 u 19 tal-Kap. 66 u tikkundannahom kull wiehed ghal prigunerija ta’ tmintax il-xahar, u dan in vista tal-fatt illi l-Ufficjal Prosekutur iddikjara illi l-hatja ma ikkoperawx mieghu matul l-investigazzjoni, u l-vittmi tar-reati iddikjaraw illi ma ridux jahfru lill-hatja peress illi l-hatja qeghdin jiddikjaraw illi ma jafux fejn jinsabu l-passaporti misruqa ta’ Rodwan Muftah Ali u ta’ Sadek Muftah Ali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------